

SV 2008
NOTI TA' SPJEGAZZJONI

Nota

I. NOTI TA' SPJEGAZZJONI GĦAT-TAQSIMIET A SA M RIGWARD IL-FORNIMENTI U X-XOGĦLIJET TA' KOSTRUZZJONI

Il-Vokabolarju Supplimentari huwa magħmul minn 19-il taqsima (u minn 42 grupp). Ċerti taqsimiet jintużaw aktar sabiex jiżiedu d-deskrizzjonijiet tal-fornimenti u tal-konstruzzjoni/xogħlijiet, bħat-taqsimiet A sa M, u tas-servizzi bħat-taqsimiet P sa U.

Taqsima bħat-Taqsima M, 'Attributi residwi għat-trasport', tista' tintuża sabiex tforni deskrizzjoni addizzjonali għall-kodiċijiet tal-fornimenti jew tas-servizzi..

Il-kodiċijiet supplimentari huma ġeneriċi u mhumiex maħsuba biex jaqblu ma' kodiċi speċifiku fil-Vokabolarju Ewlieni. Huwa rakkomandat li l-utenti jużaw l-eqreb attribut fil-Vokabolarju Supplimentari li jilħaq il-ħtiġiet tagħhom, sakemm dan ikun jagħmel parti minn taqsima koerenti mat-tifsira tal-kodiċi tal-Vokabolarju Ewlieni.

Taqsima A — Materjal

Grupp A – Metall u liega

Dan il-grupp jinkludi:

- Metalli bażiċi, bħall-aluminju, in-nikil, u d-deheb
- Liega tal-metall, bħall-azzar, ir-ram

Grupp B – Mhux metalli

Dan il-grupp jinkludi attributi għal materjal mhux metalliku bħal:

- Plastik, bħall-poliester, il-politin, u l-PVC
- Ġebel, bħall-irħam, il-lavanja
- Injam, bħall-bambù, is-sufra, u l-injam koniferu
- Fibri naturali, bħall-ħarir, u s-suf

Definizzjonijiet addizzjonali:

- Ġewwieni tal-ħġieġ: biċċiet żgħar tal-ħġieġ, ħafna drabi ttundjati, sabiex joqogħdu fi kwalunkwe apparat għall-iżolazzjoni, pereżempju għal reċipjenti bil-vakwu jew armar għal-linji tal-enerġija.

Taqsima B — SURA, FORMA, IMBALLAĠĠ U KKUNDIZZJONAR

Grupp A - Sura

Dan il-grupp jinkludi:

- Il-kundizzjoni u l-proprjetajiet fiżiċi, bħal sħun, kiesaħ, likwidu, solidu, iebes, u artab.
- Sura, bħal trab, ingotti, u vireg.
- Il-preparazzjoni speċifika tal-materjal bażiku, bħal miksi, mhux maħdum, u vulkanizzat.

Definizzjonijiet addizzjonali:

- Mhux maħdum: prodott jew materjal li jkun għadda mill-ewwel fażi(jiet) ta' proċess ta' trasformazzjoni
- Ipproċessat: prodott jew materjal li jkun għadda minn proċess ta' trasformazzjoni
- Raffinat: prodott jew materjal li jkun għadda minn proċess sħiħ ta' trasformazzjoni biex jitneħħewlu l-impuritajiet

Grupp B - Forma

Dan il-grupp jinkludi l-forom ġeometriċi kollha bħal tond, jew kwadru.

Grupp C — Imballaġġ u kkundizzjonar

Dan il-grupp jinkludi:

- Imballaġġ, pereżempju fil-boroż, kaxex, ibbottilljati. Dawn l-attributi jiddeskrivu l-mod li fih l-utent finali se jirċievi l-prodott.
- Ikkundizzjonar, pereżempju fis-salmura, bl-ingrossa. Dawn l-attributi jiddeskrivu l-kundizzjoni li fih l-utent finali se jsib il-prodott fl-imballaġġ.

Dan il-grupp ma jinkludix:

- Attributi residwi għall-ikel, ix-xorb u l-ikliet, li jinstabu fit-taqsima H.

Taqsima C — Materjal/prodotti bi kwalitajiet u mod ta' tħaddim speċjali

Din it-taqsima ma tinkludix:

-Attributi ambjentali, bħal riċiklaġġ u trattament, li huma kklassifikati fit-taqsima D.

Grupp A — Materjal/prodotti bi kwalitajiet speċjali

Dan il-grupp jinkludi attributi relatati ma':

- Il-karatteristiċi tar-reżistenza, bħal ma jgħaddix l-ilma minnu, jirreżisti n-nar, iwwajerjat, u rrafforzat
- Il-karatteristiċi tal-kumdità/saħħa, bħal ergonomiku, mingħajr ażbestos, u sterili
- L-użu speċifiku, bħal jista' jiġi mgħaddas, u portabbli
- L-agrikoltura, bħal organiku, imrobbi, u kkultivat

Definizzjonijiet addizzjonali:

- Jintrema: prodott maħsub li jintuża darba u jintrema, iżda li jista' jerġa' jintuża
- Użu waħdieni: prodott maħsub li jintuża darba u li l-ewwel użu jikkawżalu ħsara b'tali mod li ma jistax jerġa' jintuża
- Jista' jerġa' jintuża: prodott maħsub sabiex jerġa' jintuża

Grupp B — Mod ta' Tħaddim

Dan il-grupp jinkludi:

- Attributi ta' pressjoni u vultaġġ
- It-tip ta' enerġija użata għal vettura, makkinarju u apparat ieħor
- Karatteristiċi oħra ta' vetturi, magni, makkinarju u apparat, pereżempju jingrana fuq l-erba' roti, awtomatiku, fażi unika

Taqsim D — Ġenerali, Amministrazzjoni

Grupp A — Attributi ġenerali u ta' amministrazzjoni

Dan il-grupp jinkludi:

- Status speċifiku, l-aktar għas-servizzi, bħal nazzjonali/internazzjonali, pubbliku/privat, eċċ.
- Ġestjoni, amministrattiv, eċċ.
- Attributi soċjali bħal ħidma soċjali, gwida, eċċ.
- Attributi ambjentali bħal riċiklaġġ, trattament, eċċ.

Taqsim E — Utenti/benefiċjarji

Grupp A — Utenti jew benefiċjarji

Dan il-grupp jinkludi:

- Kwalunkwe tip ta' utent jew benefiċjarju, b'referenza għall-marġni tal-età (trabi, tfal, adolexxenti...), is-sess, utenti speċifiċi (persuna qiegħda, dipendenti fuq id-droga, passiġġieri, eċċ.)
- Lista ta' diżabbiltajiet, għal utenti jew benefiċjarji b'diżabbiltà

Taqsim G — Skala u qies

Grupp A — Qies u indikazzjoni tal-qawwa

Dan il-grupp jinkludi attributi li jiddikjaraw li piż, kejl/daqs, volum, qawwa jew pressjoni speċifiċi huma meħtieġa. Sabiex tikkwota l-piż, il-kejl/id-daqs, il-volum, il-qawwa jew il-pressjoni speċifiċi, attributi addizzjonali jinsabu fit-Taqsim G, grupp C.

Grupp B — Frekwenza

Dan il-grupp jinkludi:

- Ta' kuljum, ta' kull ġimgħa, eċċ.

Grupp C — Indikazzjonijiet oħra

Dan il-grupp jinkludi attributi addizzjonali sabiex tikkwota piż, kejl/daqs, volum, qawwa jew pressjoni speċifiċi, dejta u kwantitajiet speċifiċi jew ta' referenza.

Taqsim H — Attributi residwi għal ikel, xorb u ikliet

Grupp A — Attributi għal ikel, xorb u ikliet

Dan il-grupp jinkludi:

- Attributi residwi sabiex jiddeskrivu l-preparazzjoni ta' ikel speċifiku.
- Attributi sabiex jiddeskrivu l-ikel għall-konsumaturi li jkollhom rekwiżiti speċjali (mingħajr laħam tal-majjal, ikel veġetarjan, ikla bla glutina).

Taqsimha I — Attributi residwi għal kostruzzjoni/xogħlijiet

Din it-taqsimha ma tinkludix:

- Użu b' għan ġenerali, li huwa kklassifikat fit-taqsimha F.

Grupp A — Attributi għal kostruzzjoni/xogħlijiet

Dan il-grupp jinkludi:

- Attributi biex jiddeskrivu t-tip ta' xogħlijiet jew il-karatteristiċi speċifiċi tax-xogħlijiet
- Attributi biex jiddeskrivu l-għan maħsub tax-xogħlijiet

Taqsimha J - Attributi residwi għall-użu tal-kompjuter, għat-teknoloġiji tal-informatika jew għal-komunikazzjoni

Din it-taqsimha ma tinkludix:

- Użu b' għan ġenerali, li huwa kklassifikat fit-taqsimha F.

Grupp A — Attributi għall-użu tal-kompjuter, għat-teknoloġiji tal-informatika jew għal-komunikazzjoni

Dan il-grupp jinkludi:

- Attributi biex jiddeskrivu netwerk ta' għan speċjali (Internet, intranet, eċċ.)
- Attributi residwi biex jiddefinixxu ċerti karatteristiċi ta' hardwer u softwer

Taqsimha K — Attributi residwi għad-distribuzzjoni tal-Enerġija u tal-ilma

Din it-taqsimha ma tinkludix:

- Użu b' għan ġenerali, li huwa kklassifikat fit-taqsimha F.

Grupp A – Attributi għad-distribuzzjoni tal-Enerġija u tal-ilma

Dan il-grupp jinkludi:

- Attributi fil-qasam tat-tisħin, tad-distribuzzjoni tal-ilma, tal-elettriku, taż-żejt u tal-gass
- Attributi residwi li jiddeskrivu utenti speċifiċi fil-qasam tal-enerġija u tad-distribuzzjoni tal-ilma

Taqsimha L — Attributi residwi mediċi u tal-laboratorju

Din it-taqsimha ma tinkludix:

- Użu b' għan ġenerali, li huwa klassifikat fit-taqsimha F.

Grupp A — Attributi mediċi u tal-laboratorju

Dan il-grupp jinkludi użu b' għan speċjali fil-qasam ta':

- Il-kirurġija
- In-nersing
- Eżamijiet mediċi u trattament mediku
- L-użu ta' sptar jew laboratorju
- Fornimenti mediċi
- Il-forensika
- Użu veterinarju